Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 421/2003

**ITEC-International Technology Limited [C10400]**

**vs**

**Ceiling Systems Limited [C16547]**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u sitta u erbghin Lira Maltin u erbghin centezmu (LM2,546.40) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' installazzjoni, testing, kummisjonar u supply ta' servizzi fuq certi wards fl-Isptar St. Vincent De Paule skond fattura (kopja Dok A);**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-14 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------